MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2013

Appell Civili Numru. 3381/1996/1

**Alfred Cutajar**

**v.**

**J. Lautier Co. Ltd.**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li ressaq l-attur fit-3 ta' Dicembru, 1996, u li jaqra hekk:
"Peress illi l-attur huwa l-proprjetarju ta' makkinarju uzat fil-manifattura tal-aluminium, konsistenti fis-segwenti – rowter; electrical rotary blade; hand punch NC40; hand punch NC80; air punch Nc40; air punch SG55; decoration

hand punch; hinge electric cutter; stand drill; bender u cutting glass table;

“Peress illi in segwitu ghall-ftehim verbali ta’ assocjazzjoni illi sar mas-socjeta` konvenuta, dan il-makkinarju ttiehed fil-garaxx ossija ‘workshop’ tas-socjeta` konvenuta f’Tower Road, Msida sabiex isir xoghol ta’ ‘aluminium’ minn hemmhekk;

“Peress illi sussegwentement il-ftehim surriferit mas-socjeta` konvenuta gie xolt, u l-attur talab lis-socjeta` konvenuta tirritorna l-makkinarju surriferit, izda s-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

“Peress illi dan l-agir qieghed jikkawza danni kbar u ingenti lill-attur minhabba illi l-attur, minghajr dan il-makkinarju, ma jistax jahdem kuntratti ta’ appalt ta’ xoghol ta’ ‘aluminium’ u qieghed isofri ‘loss of income’

“Tghid ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

“(1) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta tirritorna u tirrestitwixxi lill-attur l-imsemmi makkinarju uzat fil-manifattura tal-‘aluminium’, konsistenti f’rowter; electrical rotary blade; hand punch NC40; hand punch NC80; air punch Nc40; air punch SG55; decoration hand punch; hinge electric cutter; stand drill; bender u cutting glass table;

“(2) tiddikjara illi s-socjeta` konvenuta qieghda tikkawza danni lill-attur konsistenti f’”loss of income”;

“(3) tillikwida d-danni sofferti mill-attur; u

“(4) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta ghall-hlas ta’ dawn id-danni kif likwidati.

“Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` konvenuta u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:
"1. Preliminarjament l-attur Alfred Cutajar m'ghandux interess guridiku ghad illi l-makkinarju riferit fic-citazzjoni ttiehed fil-"workshop" tas-socjeta` konvenuta bhala makkinarju proprjeta` ta' Ivan Cutajar.

"2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess jekk il-makkinarju li effettivament ittiehed fil-"workshop" tas-socjeta` huwa proprjeta` tal-attur Alfred Cutajar is-socjeta` eccipjenti ghandha d-dritt li zzomm l-istess makkinarju in forza tal-"jus ritentionis" u dan sakemm jithallas l-ammont li l-istess attur Alfred Cutajar ghandu jaghti lis-socjeta` konvenuta liema kreditu huwa mertu ta' kawza fl-ismijiet inversi li tinsab pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta u li ggib bhala numru tac-citazzjoni 78/97 AJM.

"3. Illi ukoll minghajr pregudizzju mhux il-makkinarju kollu li ssemma' fic-citazzjoni gie effettivament mittiehed lejn il-"workshop" tas-socjeta` eccipjenti.

"4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u in vista tal-eccezzjonijiet moghtija hawn fuq it-talbiet tal-attur ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilita` ghal danni konsistenti f'"loss of income" u ghall-kundanna ghall-hlas tad-danni prevja likwidazzjoni tad-danni, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michda bl-ispejjez kontra l-attur.

"5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Novembru, 2009, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:
"**Tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet** tal-kumpannija mħarrka, għaliex m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

"**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka biex sa żmien xahar mil-lum, trodd lura, bi spejjeż tagħha, l-makkinarju msemmi mill-attur f'dik it-talba jew, fin-nuqqas li tagħmel dan, li tikkumpensa lill-attur is-somma ta' elf erba' mija u wieħed u tmenin euro u

sittax-il ċenteżmu (€ 1,481.16), valur attwali tal-istess makkinarju, bl-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mil-lum sal-jum tat-twettiq effettiv tal-obbligazzjoni;

"**Tiċħad it-tieni talba attriċi** billi l-attur naqas li jipprova li tassew ġarrab id-danni li jallega li ġarrab;

"**Tiċħad it-tielet u r-raba' talbiet attriċi** minħabba li dawn huma konsegwenzjali għat-talba ta' qabilhom; u

"**Tordna** li l-kumpannija mħarrka **tħallas l-ispejjeż tal-kawża** għajr dawk marbutin mat-tieni, t-tielet u r-raba' talbiet attriċi, liema spejjeż jitħallsu mill-attur."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi din hija azzjoni għar-radd lura ta' ħwejjeġ mobbli u għad-danni minħabba n-nuqqas ta' dak ir-radd lura min-naħa ta' min żammhom għandu. L-attur jgħid li hu daħal fi ftehim ta' assoċjazzjoni ma' JLC biex jgħaddilha xi makkinarju tiegħu biex hi taħdem bih prodotti tal-aluminju mill-istabiliment tagħha fl-Imsida. Minħabba li l-ftehim twaqqaf u hu talab lil JLC biex troddlu lura l-makkinarju, kellu jiftaħ din il-kawża għaliex JLC naqset bla raġuni tajba milli troddhom lura u minħabba f'hekk ġarrab danni;

"Illi JLC laqgħet billi, fl-ewwel lok, qalet li l-attur m'għandux interess iressaq il-kawża, għaliex il-makkinarju ma kienx tiegħu imma ta' ibnu. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li wkoll kieku l-makkinarju kien tiegħu, hija xorta għandha l-jedd tibqa' żżommu għaliex hi għandha tieħu mingħandu u hu naqas li jħallasha. Hija fetħitlu kawża għal dan il-għan;

"Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-attur kien beda jaħdem xogħol tal-aluminju minn ġo post f'Ħal Qormi ta' qariba tiegħu, flimkien ma' ħuh Gejtu[1]. Wara xi żmien, infirdu u b'kitba li saret bejniethom fit-30 ta' Novembru, 1983[2], qasmu l-għodod u l-makkinarju li kellhom bejniethom u l-attur rama għal rasu f'post ieħor

[1] Affidavit ta' Gaetano Cutajar 12.1.2000, f'paġ. 33 tal-proċess
[2] Dok « AC1 », f'paġġ. 35 – 9 tal-proċess

f'naħa oħra ta' Ħal Qormi. Baqa' jżid l-għodda u l-makkinarju. Wara xi żmien, daħal jaħdem miegħu ibnu Ivan Cutajar. Fl-1995, Ivan Cutajar daħal jaħdem ma' JLC li kellha negozju ta' xogħol ta' prodotti tal-aluminju u kellha stabiliment fi Triq it-Torri fl-Imsida. L-attur jgħid[3] li Kien intlaħaq arranġament biex il-makkinarju li kien hemm fil-garaxx tal-attur jittieħed għal JLC biex tużah meta jkollha ħsara fil-makkinarju tagħha[4]. Minkejja li l-attur ma xtaqx li l-makkinarju jittieħed, l-istess makkinarju nġarr lejn l-Imsida fi trakk ta' JLC[5];

"Illi f'xi żmien matul l-1996, Ivan Cutajar ma baqax jaħdem ma' JLC u l-attur u l-istess ibnu marru jitolbu lil JLC troddilhom lura l-makkinarju. JLC ma riditx u fit-3 ta' Diċembru, 1996, infetħet din il-kawża;

"Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin mal-każ, il-Qorti tqis li ftit tassew huma l-provi mressqa. Tneħħi d-damma ta' erba' affidavit (kollha magħmulin fl-istess jum) imressqa mill-attur, ma jeżistu l-ebda provi oħrajn. Minbarra dan, il-provi dokumentali jirreferu biss għal xi stimi (miġburin ilkoll f'medda ta' ftit ġimgħat lejn l-aħħar tal-1999) dwar makkinarju bħal dak użat mill-attur fix-xogħol tiegħu, u xi dikjarazzjonijiet tad-dħul dwar l-attur għal xi snin qabel il-ġrajja li jinteressaw il-każ. Il-kumpannija mħarrka qatt ma ressqet provi;

"Illi **għal dak li jirrigwarda l-ewwel eċċezzjoni** tal-kumpannija mħarrka, l-Qorti tqis li kien jaqa' fuq l-istess JLC biex turi kif imiss dak li tallega. Hija tgħid li l-makkinarju li ttieħed għandha ma kienx tal-attur, imma ta' ibnu Ivan Cutajar. Kif ingħad, JLC ma ressqitx provi u anqas u anqas uriet kif baqgħet tqis li l-makkinarju li ttieħed għandha ma kienx tassew tal-attur. Għall-kuntrarju, fit-tieni eċċezzjoni tagħha tressaq l-ipotesi tal-jedd tagħha li żżomm dak il-makkinarju fuq l-allegazzjoni li l-attur għandu jagħtiha, u għalhekk tgawdi dritt ta' żamma (*jus retentionis*) fuq l-imsemmi makkinarju. Din it-tieni eċċezzjoni twaqqa' 'l ta' qabilha għaliex għal kollox

[3] Affidavit tiegħu 12.1.2000, f'paġ. 30 tal-proċess
[4] Affidavit ta' Ivan Cutajar 12.1.2000, f'paġ. 31 tal-proċess
[5] Affidavit ta' Jason Cutajar 12.1.2000, f'paġ. 34 tal-proċess

inkompatibbli mal-ideja li l-makkinarju miżmum ma kienx tal-allegat debitur ta' JLC, minbarra l-fatt li jeżisti dubju kemm JLC setgħet tassew tippretendi li tista' teżerċita l-jedd ta' ritenzjoni fil-kundizzjonijiet partikolari li taħthom il-makkinarju tal-attur waqa' f'idejha. Min-naħa l-oħra, mill-ftit provi mressqa mill-attur, intwera li (mqar fil-każ ta' wħud mill-makni) dawk kienu saħansitra jagħmlu parti mill-makkinarju li kien diġa' jeżisti fl-1983, meta l-attur u ħuh Gejtu qasmu n-negozju bejniethom;

"Illi għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka m'hijiex mistħoqqa u m'hijiex sejra tintlaqa';

"Illi **għal dak li jirrigwarda ċ-ċirkostanza ewlenija tal-kunsinna tal-makkinarju**, l-Qorti trid toqgħod fuq dak li jirriżulta mill-ftit provi mressqa. Fl-ewwel lok, ma hemm l-ebda dokument li juri bi preċiżjoni meta kien li l-makkinarju tqiegħed f'idejn JLC u wisq anqas b'liema kundizzjonijiet. Ivan Cutajar jgħid li dan sar fil-qafas ta' wegħda li jidher li kienet saret biex isir proġett bi sħab bejn JLC u l-impriża tal-attur. Min-naħa l-oħra, in-negozjati saru bejn iben l-attur u JLC, tant li l-attur jgħid li l-makkinarju ttieħed minkejja fih u kontra qalbu. Ivan Cutajar jgħid ukoll li daħal f'impieg ma' JLC bħala parti minn dan l-arranġament, li baqa' ma seħħ qatt;

"Illi fin-nuqqas ta' provi oħrajn, u bi tħaddim ta' preżunzjonijiet li jitnisslu mil-liġi, l-Qorti qiegħda tifhem li l-kunsinna tal-makkinarju tal-attur saret biss għal żmien li jagħlaq, b'mod gratuwitu, sabiex jintuża għal għan speċifiku u bil-fehma li, meta jintalab lura, jrid jintradd lura lilu. Minn din il-ġabra ta' kundizzjonijiet toħroġ ix-xbiha tal-kuntratt ta' self għall-użu, jew kommodat[6]. Il-fatt li ma jidhirx li ma kienx hemm ftehim dwar żmien preċiż li kellu jtul tali self m'huwiex ta' xkiel biex jgħoddu r-regoli ta' dik l-għamla ta' kuntratt, għaliex għal-liġi jkun biżżejjed li jsir self għal żmien determinat **jew** għal użu determinat[7]. Min-naħa l-oħra, lanqas jista' jingħad li n-nuqqas ta' żmien prestabilit jissarraf fil-jedd li l-attur seta' jitlob ir-rad lura

[6] Art. 1824 tal-Kap 16
[7] App. Inf. **7.7.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Cassar vs Connell et*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.ii.1017**)

x'ħin ifettillu, kif irid il-kuntratt tal-prekarju[8], għaliex il-fatt li l-makkinarju ngħata għal użu speċifikat ma jneħħihx mill-ambitu tal-kuntratt tal-kommodat sakemm dak l-użu fil-fatt ikun qiegħed isir[9] ;

"Illi r-rabta kuntrattwali titnissel hekk kif isseħħ il-kunsinna, u ma jidhirx li hu meħtieġ li ssir xi kitba biex tissostanzjah, għaliex il-kunsinna tixhed ir-rieda tal-kommodant li joħloq ir-rapport ġuridiku mal-persuna li lilha jsir is-self tal-ħaġa (jiġifieri l-kommodatarju)[10]. Huwa biss fil-każ ta' wegħda għall-self għall-użu li l-liġi titlob il-kitba bħala prova tal-eżistenza tal-obbligazzjoni[11];

"Illi minn dak li joħroġ mill-atti tal-kawża jidher li l-makkinarju ttieħed speċifikatament biex jintuża minn JLC fil-proċess ta' manifattura ta' xogħol fl-aluminju bħala "*back-up*" għal meta l-makkinarju tagħha jkun imwaqqaf għat-tiswija jew meta l-ordnijiet ikunu jeħtieġu li jitħaddem ukoll il-makkinarju tal-attur. Ukoll kieku kellu jirriżulta l-fatt li l-makkinarju kien nsilef bil-ħsieb li jsir proġett bi sħab bejn iben l-attur u JLC, xorta ma kienx jonqos l-element tal-kuntratt tal-kommodat[12]. Jidher ukoll li l-makkinarju kien ikkonsenjat bla ma kellu jsir ħlas lill-attur għal dak l-użu. Il-karattru ewlieni tal-kuntratt tal-kommodat huwa l-użu gratuwitu tal-ħaġa misselfa[13];

"Illi ladarba li fil-każ tal-lum ma kienx ġie miftiehem żmien meta l-makkinarju misluf kellu jintradd lura, wieħed irid jieħu qies tal-użu miftiehem. F'każ fejn ħaġa tkun ingħatat b'self għal użu partikolari, l-kuntratt jibqa' fis-seħħ sakemm dak l-użu jibqa' jsir, ukoll jekk dan iġib miegħu użu għal żmien twil. F'każ bħal dan, il-kommodant ma jkunux jista' jitlob ir-radd lura tal-ħaġa. Min-naħa l-oħra, jekk kemm-il darba miċ-ċirkostanzi tal-każ ikun jidher ċar li l-ħaġa misselfa ma baqgħetx tintuża aktar jew ma baqgħetx tintuża għall-użu li għalih kienet ġiet mislufa,

---

[8] Art. 1839 tal-Kap 16
[9] App. Inf. **1.11.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Mercieca et vs Merċieca*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.ii.1595**)
[10] App. Inf. **6.10.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Lorenzo Żahra pro et noe vs Mary Żahra***
[11] Art. 1233(1)(b) tal-Kap 16
[12] App. Ċiv. **5.2.1971** fil-kawża fl-ismijiet ***Grazio Portelli vs Ġeralda Portelli*** (mhix pubblikata)
[13] App. Ċiv. **16.12.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Abela*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.774**)

allura wieħed jifhem li jkun sar il-waqt li l-kommodant jista' jitlob li dik il-ħaġa tintraddlu;

"Illi fil-każ tal-lum, irriżulta li l-arranġament li kien sar bejn iben l-attur u JLC ma damx iseħħ, għalkemm għal xi żmien jidher li l-makkinarju ntuża għall-ħsieb li kien ingħata. Wara li ntemm dak l-arranġament, JLC ma baqgħetx tuża aktar dak il-makkinarju, tant li dan tħalla f'tinda mgħotti b'folji tal-plastika u ma tħaddimx. F'dik il-qagħda sabu l-perit tekniku meta aċċeda fuq il-post. Għall-Qorti dan ifisser li JLC ma kinitx interessata iżjed li tuża dak il-makkinarju u dan juri li ntemm l-użu li għalih kien sar is-self. Fi kliem ieħor, bin-nuqqas ta' użu jiġi li ntemm l-użu miftiehem. Ifisser ukoll li, minħabba din iċ-ċirkostanza, l-attur seta' jitlob lura r-radd tal-makkinarju;

"Illi mill-kostatazzjonijiet tekniċi, l-Qorti saret taf ukoll li l-makkinarju fil-qagħda li jinsab fih qajla jista' jitħaddem. Hemm dubju jekk fil-fatt jistax jaħdem, u jekk dan isir irid tabilfors isir xogħol fuqu u bdil ta' partijiet li hemm dubju jekk illum il-ġurnata għadhomx jinsabu fis-suq. F'kull każ, il-perti tekniku wasal għal valutazzjoni tal-makkinarju llum fis-somma ta' elf erba' mija u wieħed u tmenin euro u sittax-il ċenteżmu (€ 1,481.16);

"Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, u lil hinn minn kull kwestjoni oħra li setgħet tnisslet bil-pretensjonijiet ta' JLC fil-konfront tal-attur f'xi proċedura oħra[14], joħroġ li l-ewwel talba attriċi hija mistħoqqa u sejra tintlaqa';

"Illi din il-fehma ġġib l-effett ukoll li t-**tieni eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka** ma titqiesx mistħoqqa lanqas. Aktar qabel, il-Qorti semmiet liema huma ċ-ċirkostanzi li fihom xi kreditur jista' jippretendi li jeżerċita l-jedd tar-ritenzjoni jew żamma tal-ħaġa li fuqha jkollu xi kreditu[15] u safejn jista' jitħaddem tali jedd jekk ma jkunx espressament provdut mil-liġi[16]. F'kull każ, JLC ma wriet

---

[14] Fil-fatt jirriżulta li, fil-kawża li JLC fetħet kontra l-attur (Ċitazz. 78/97), JLC kienet kanoniżżata kreditriċi tal-attur u li kien l-attur li kellu jagħtiha u mhux ibnu Ivan Cutajar

[15] Art. 1997 tal-Kap 16

[16] Ara, b'eżempju, App. Ċiv. **26.3.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Gulia et vs Joseph Aġius et*** (mhix pubblikata), li kienet tirrigwarda l-kwestjoni ta' jekk hemmx dritt ta' ritenzjoni favur l-utilista fuq benefikati f'każ li enfitwesi jintemm

bl-ebda mod li hija kellha l-jedd iżżomm dak il-makkinarju, ladarba ħareġ ċar (mill-atti tal-kawża fl-ismijiet inversi) li l-kreditu tagħha kien dwar materja prima li hija kienet biegħet lill-attur u li huwa uża għal xogħlijiet oħrajn, u li l-pussess tagħha tal-istess makkinarju kien wieħed ċirkoskritt mit-termini tal-kuntratt applikabbli (jiġifieri tal-kommodat);

"Illi **dwar il-kwestjoni tad-danni mġarrba**, l-liġi trid[17] li min jissellef xi ħaġa biex jinqeda biha (il-kommodatarju) dan għandu jagħmlu billi jinqeda biha b'mod xieraq u jieħu ħsiebha u jżommha fi stat tajjeb bħal missier tajjeb tal-familja. Dan id-dmir iġib miegħu l-obbligu li ma jħallix dik il-ħaġa titgħarraq u wkoll, jekk kemm-il darba jonqos li jħares dan id-dmir, li jagħmel tajjeb għall-ħsara li jġarrab il-kommodant bit-tgħarrieq tal-ħaġa jew bit-tnaqqis tal-valur tagħha. Mhux hekk biss, imma fil-każ fejn il-kommodatarju jagħmel użu mod ieħor minn dak miftiehem jew jibqa' ma jitlaqhiex wara li jkun lesta minnha, huwa jwieġeb għal kull telfa li jġarrab il-kommodant, imqar jekk dik it-telfa tiġri b'aċċident, sekemm ma jseħħlux juri li l-ħaġa xorta waħda kienet tispiċċa jew tonqos fil-valur tagħha kieku ma nqediex biha għal użu ieħor minn dak miftiehem jew kieku raddha lura f'waqtha[18];

"Illi l-Qorti m'għandhiex provi quddiemha li JLC inqdiet mill-makkinarju tal-attur għal użu ieħor minn dak miftiehem. Lanqas ma ntwera li sakemm damet tuża dak il-makkinarju, ġġamlet xi użu traskurat minnu. Għall-kuntrarju, hemm provi li juru li JLC inqdiet b'dak il-makkinarju sewwa u approfittat minnu biex forniet l-ordnijiet li kellha mill-klijenti tagħha. In-nuqqas ta' JLC seħħ għaliex hija baqgħet ma telqitx il-makkinarju minn taħt idejha meta ma kellhiex bżonnu aktar;

"Illi l-attur jgħid li d-danni li qiegħed jippretendi li ġarrab minħabba n-nuqqas ta' JLC jikkonsistu f'"*loss of income*". F'dan ir-rigward huwa ressaq provi dokumentali li juru x'kien id-dħul dikjarat tiegħu għall-finijiet ta' taxxa ta' dħul għal xi snin qabel ma l-makkinarju għadda għand JLC.

[17] Art. 1827(1) tal-Kap 16
[18] Art. 1829 tal-Kap 16

Ma ressaq l-ebda prova ta' x'kien id-dħul tiegħu wara li l-makkinarju kien għadda għand JLC u wisq anqas ma weriex fiex kien jikkonsisti n-nuqqas ta' dħul li seta' kellu wara li l-makkinarju ma baqax f'idejh. L-attur ma jgħid xejn jekk, malli l-makkinarju ttieħed għand JLC, hu waqafx għal kollox mill-ħidma tiegħu fil-qasam ta' dak ix-xogħol. Jirriżulta li, fil-kawża li JLC fetħet kontra tiegħu, argument ewlieni li qajjem kien saħansitra li hu kien refa' minn kull xogħol tal-aluminju hekk kif kien ħareġ bil-pensjoni mill-impieg ewlieni tiegħu fit-Tarzna;

"Illi bla ma l-Qorti toqgħod ittawwal bla bżonn, joħroġ li l-attur ma wettaqx id-dmir tiegħu li juri b'mod li jikkonvinċi li fil-fatt huwa ġarrab telf bil-makkinarju f'idejn JLC jew, jekk ġarrab tali telf, kemm kien u fiex kien jikkonsisti. L-impressjoni li ngħatat il-Qorti – mill-mod kif l-attur fassal il-mistoqsijiet tiegħu fl-eskussjoni tal-perit tekniku – hi li d-danni li l-attur jirreklama huma marbutin iżjed mad-deprezzament tal-makkinarju wara medda hekk twila ta' żmien li tħalla mitluq, milli danni tassew marbutin ma' telf ta' użu;

"Illi m'huwiex xogħol din il-Qorti li tissupplementa għan-nuqqasijiet ta' xi parti f'kawża u lanqas li tibdel minn rajha l-kawżali li taħthom xi parti tkun talbet li tingħata r-rimedji. Fi kliem ieħor, il-Qorti hija tal-fehma li l-attur ma seħħlux jipprova fil-grad mistenni li huwa tassew ġarrab id-danni li qiegħed jgħid li ġarrab;

"Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li t-tieni, t-tielet u r-raba' talbiet attriċi ma jistgħux jintlaqgħu;"

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Novembru, 2009 fil-kawza fl-ismijiet Alfred Cutajar v. J. Lautier Co. Limited billi, filwaqt li tikkonferma l-istess sentenza in kwantu cahdet l-eccezzjonijiet kollha sollevati mis-socjeta` konvenuta appellanti u laqghet l-ewwel talba attrici, tirrevokaha in kwantu cahdet it-tieni, it-tielet u r-raba' talba attrici u tghaddi biex tilqa' l-istess

tieni, tielet u raba’ talba attrici bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta appellata.

Rat ir-risposta tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, issottomettiet illi s-sentenza tal-ewwel Qorti timmerita li tigi konfermata bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-konvenut (recte: attur) appellanti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi jirrizulta li l-attur silef lis-socjeta` konvenuta makkinarju li jintuza fil-process ta’ manifattura ta’ xoghol fl-aluminju bhala “back up” ghal meta l-makkinarju taghha jkun imwaqqaf ghat-tiswija jew meta l-makkinarju ma jkunx jista’ jlahhaq mal-ordnijiet. Ghal xi zmien hekk kien isir mis-socjeta` konvenuta, izda eventwalment ma baqax isir uzu mill-istess makkinarju, u thalla f’tinda mghotti b’folji tal-plasika u ma thaddimx. L-attur talab ir-radd lura ta’ dan il-makkinarju u d-danni.

L-ewwel Qorti laqghet it-talba attrici ghar-radd lura tal-makkinarju, pero`, cahdet it-talba ghad-danni peress illi, fil-fehma taghha, ma tressqux provi ta’ telf li garrab l-attur konsegwenza ta’ dan in-negozju.

L-attur appella mis-sentenza u talab li l-istess tigi riformata sabiex jinghata wkoll kumpens ghad-danni.

L-attur qed jitlob kumpens a bazi ta’ zewg binari: fl-ewwel lok, qed jilmenta mill-fatt li l-magni ma ghadhomx utilizzabbli u ghandhom bzonn spiza sostanzjonali biex jergghu jitpoggew fl-istat li jahdem; fit-tieni lok, irid kumpens ghal “loss of income” peress illi mill-fatt li s-socjeta` konvenuta zammet ghandha l-makkinarju, ghal zmien twil, hu gie mcahhad milli juza jew jikri dak l-istess makkinarju.

Dwar l-ewwel aggravju, din il-Qorti tara li l-attur ghadda lill-konvenut makkinarju “in working condition”, u ghandu dritt li jistenna li jinghata lura l-istess makkinarju f’dak l-istat. Hu veru, kif qalet l-ewwel Qorti, li ma rrizultax li s-socjeta` konvenuta uzat il-makkinarju mhux skont l-uzu miftiehem, jew li ghamlet xi uzu traskurat minnu, pero`, kellha dmir li zzomm l-istess makkinarju “in good working condition”. Jekk il-makkinarju sar iqum wisq biex jithaddem, jew jekk il-parts kienu gholjin u/jew difficli biex jinxtaw, jew jekk riedet tuza makkinarju aktar modern u sofistikat, is-socjeta` konvenuta kellha mill-ewwel tirritorna l-makkinarju lill-attur u mhux li zzomm l-istess taht tinda mghotti b’folji tal-plastika u ma jithaddimx. Ma jirrizultax li s-socjeta` konvenuta, wara li waqfet taghmel uzu mill-makkinarju, ghamlet xi manutenzjoni tieghu, u flok irritornat l-istess lill-attur, hallietu jingema’ t-trab u jimblokka billi ma ntuzax. Kieku l-makkinarju nghata lura lill-attur f’waqtu, l-attur kien ikun jista’ jindokra l-istess u jbiddel xi parts – issa, il-makkinarju jinsab fi stat li, skont l-espert tekniku mahtur mill-ewwel Qorti, hemm biza’ “li certu parts illum tista’ ma ssibhomx”. Dan hu rizultat ta’ agir illegali da parti tas-socjeta` konvenuta li zammet ghandha makkinarju ghal tul ta’ zmien minghajr ma tisservisjah. Illum jidher li l-makkinarju hu “obsolete”, pero`, mhux eskluz illi kieku dan gie ritornat, hekk kif is-socjeta` konvenuta spiccalha l-bzonn li tuzahom, l-attur kien jinghata lura makkinarju li jiswa aktar mill-valur tieghu issa kif stmat mill-perit tekniku. Dan hareg valur attwali ta’ €1,481.16, u dan jiddependi fuq it-tiswijiet li jistghu jsiru lill-makkinarju; jigifieri hu valur li jehtieg nefqa mill-attur biex jasal ghaliha, nefqa li pero`, ma gietx stmata.

Din il-Qorti, ghalhekk, tara li l-attur ghandu jigi kkumpensat ghal dawn id-danni, konsistenti fit-telf fil-valur tal-makkinarju. Sfortunatament, l-attur ma ressaqx provi dwar il-valur tal-makkinarju kollu fiz-zmien li gie misluf lis-socjeta` konvenuta. Hemm valuri tal-magna l-kbira (Lm350) tal-‘hand punchers’ (Lm80) u tal-‘universal rowter’ (Lm35), pero`, tal-oggetti l-ohra hemm biss stimi tal-makkinarju gdid u fl-epoka tal-1999, tlett snin wara li l-makkinarju kellu jigi ritornat. Ma jirrizultax, lanqas, meta nxtara l-makkinarju u kemm kien ilu ghandu l-attur qabel

ma gie misluf lis-socjeta` konvenuta. Din il-Qorti, min-naha l-ohra tara li s-socjeta` konvenuta naqset milli tindokra u tiehu hsieb il-makkinarju kif mehtieg, liema agir wassal ghal tnaqqis fil-valur tal-makkinarju, u tara li, allura, ghandha tipprocedi biex tillikwida kumpens *ex aequo et bono*, peress li jirrizulta effettivament li kien hemm danni.

Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Camilleri v. The Cargo Handling Co. Ltd**, deciza fit-13 ta' Ottubru, 2004,
"*Indiskutibbilment il-gudikant ma jistax lanqas f'dawn il-kazi jipprexxendi mill-fatt illi l-parti istanti mhix ezonerata mid-dmir li tipprovdi dawk l-elementi probatorji u dawk il-fattijiet li hi tkun taf bihom ghall-iskop tad-determinazzjoni tat-telf. Min-naha tieghu l-gudikant hu tenut li jaghti piz debitu lil dawk l-elementi kollha tal-kaz konkret akkwiziti fil-process. Fi kliem iehor hu ghandu jipprovdi motivazzjoni logika tal-kriterji tal-apprezzament prudenti adottati li juru kif wasal ghal likwidazzjoni tal-quantum debeatur.*"

Hi, ghalhekk, il-fehma ta' din il-Qorti, li l-valur tal-makkinarju misluf kien ta' Lm1,400 jew €3,261.12. Wara li tnaqqas 10% ghad-"depreciation" minhabba l-uzu legittimu li ghamlet mill-makkinarju s-socjeta` konvenuta, il-valur jinzel ghal €2,935. Dan kellu jkun il-valur tal-makkinarju li kellu jinghata lura lill-attur. Fil-fatt, se jinghata makkinarju li jiswa €1,481.16, u ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghandha thallas lill-attur, in linea ta' danni, is-somma ta' <u>€1,453.84</u>.

Rigward danni "for loss of income", anke hawn l-attur naqas li juri kemm effettivament tilef. Ir-"returns" tat-taxxa fuq id-dhul ghas-snin qabel in-negozju ma jaghtux indikazzjoni ta' kemm, kagun tal-agir tas-socjeta` konvenuta, tilef qliegh l-attur. L-attur jghid li seta' jimpenja l-makkinarju bi qliegh ghalih, jew li <u>seta'</u> jikri l-istess bi qliegh, izda halla kollox fil-kamp ta' supposizzjoni u ma ressaq ebda prova in konkret. Hawn jghodd ghall-kaz dak li qalet din il-Qorti fil-kawza **Schembri v. Zahra noe**, deciza fit-28 ta' Settembru, 2012, liema kawza kienet

tikkoncerna talba ghall-okkupazzjoni illegali ta’ fond tal-atturi:
“*Fit-tieni lok, ghalkemm l-atturi gabu prova teknika tal-valur lokatizzju tal-fond ghas-snin mill-2000 sal-2004, ma ressqu ebda prova ta’ telf ta’ kirjiet tul iz-zmien in kwistjoni. Ma kienx bizzejjed ghall-atturi li juru kemm kien il-valur lokatizzju tal-fond fiz-zminijiet rilevanti, izda kellhom juru wkoll li effettivament tilfu kirjiet minhabba l-agir tas-socjeta` konvenuta. Il-Qorti ma tistax tispekula u tghid illi li ma kienx ghal agir tas-socjeta` konvenuta, l-atturi kienu zgur jikru l-fond ghax-xmien kollu rilevanti u dan zgur bil-kera li stabilixxa l-perit tekniku. Kien obbligu tal-atturi li jressqu din il-prova, izda naqsu li jaghmluha, u ghalhekk, imputet sibi.*”

Din il-Qorti ma tistax, ghalhekk, tillikwida kumpens taht dan il-kap.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-attur billi tilqa’ l-istess biss in parte, u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tikkonfermaha kif u meta laqghet l-ewwel talba attrici (b’dan li t-terminu ta’ xahar impost mill-ewwel Qorti ghandu jibda jiddekorri millum), izda tirrevokaha fejn cahdet it-tieni, it-tielet u r-raba’ talba attrici, u tghaddi biex minflok tilqa’ dawn it-talbiet kif dedotti, u tillikwida d-danni li ghandhom jithallsu mis-socjeta` konvenuta lill-attur fis-somma ta’ €1453.84, u tordna l-hlas ta’ din is-somma kif mitlub.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk in prim istanza, anke ghaliex kien l-attur li naqas li jissostanzja l-kaz tieghu kif imiss, jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------